**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Mejju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Jonathan Ferris)**

**-vs-**

**Anthony Zammit detentur ta'**
**l-Karta tal-Identita` numru 272574M**

Kumpilazzjoni Nru. 720/2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Zammit li:

> F'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru, 2011, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37c), taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija Arriva Malta Limited.
>
> Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

a) Fl-artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li fis-seduta tad-29 ta' April, 2016, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa ngahta zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoniji migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi l-espert Ralph Axiaq jixhed li l-ammont lez lill-kumpanija Arriva Malta Limited kien jammonta ghal hmistax il-elf u tlett mija (€15,300).

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-ammissjoni mhux daqstant bikrija. Giet ikkunsidrata wkoll il-fedina penali mhux inkwetanti tieghu hekk kif gie ikkunsidrat li jekk din il-Qorti tasal biex timponi prigunerija effettiva ser ikun aktar difficli jekk mhux addirittura

[1] Fol.109

impossibli li l-parte leza tithallas mill-imputat. B'hekk piena karcerarja certament mhix idonea fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 31, 293, 294, 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoniji migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba' snin (4).

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas is-somma ta' hmistax il-elf u tlett mija (€15,300) lil parti leza u dana fi zmien hames snin millum ratealment bl-ewwel pagament jsir dovut fl-ahhar t' Awissu, 2016.

Finalment ghar-rigward tal-hlas tal-esperti, galadarba l-espert Ralph Axiaq ghalkemm debitament notifikat ma pprezentax ir-rapport tieghu, tordna lill-hati jhallas dawk l-ispejjez tal-esperti in konnessjoni ma' dawn il-proceduri li ghad iridu jigi determinati mir-Registratur ai termini tal-Artikolu 392C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**